ŻEBBUĠ

# MINUTI TAL-LAQGĦA B' URĠENZA

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, l-1 ta' Frar 2010**

**Hin: Fit-8.15 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva**
- **Il-Perit Edward Scerri.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien assenti.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku qal hu laqqa' l-Kunsill b' urġenza biex ikun diskuss ir-rapport tal-Perit dwar ix-xogħol tat-tarmak fi Triq il-Wied.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat l-ittra tal-Perit.

Il-Perit Scerri li kien preżenti għall-laqgħa qal wara li t-triq tħammlet b' 0.5m, il-materjal instab aktar instabbli. Qal li l-*packing* taż-żrar ma kienx ser ikun biżżejjed. Il-Perit tkellem dwar it-test li sar fuq it-triq. Il-Perit qal hu mhux qed jissuġġerixxi li jsir aktar taħmil. Qal hu qiegħed jirrakkomanda li jingħataw sitt pulzieri ċagħaq, sitt pulzieri oħra konkos u l-kumplament nimlew biż-żrar, spiża ta' €8,521.98 (bit-taħmil b' kollox).

Is-Sindku tkellem dwar is-CCTV test li għandu jsir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq is-servizzi tad-drenaġġ. Is-Sindku qal li hemm xi servizzi tad-drenaġġ (*house connections*) li saritilhom ħsara fuqhom. Il-Kunsill approva t-tiswija ta' dawn is-servizzi miksura.

Is-Sindku ressaq għall-vot ix-xogħlijiet *extra*, spiża ta' €8,521.98.

Il-Kunsill approva b' vot unanimu x-xogħlijiet *extra* ta' Triq il-Wied.

Il-Kunsill qabel li jipprovdi servizz ta' trasport (jekk ikun hemm bżonn) lill-anzjani li ser imorru l-attivita' li ser jagħmel il-Kunsill tax-Xagħra.

B' rabta ma' l-attivita' tal-Karnival, il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' għaxar trofej għall-kompetizzjonijiet u l-kukkanja.
- s-servizz ta' fotografu.
- snack (pizza) lill-*compere* u l-ġurija.

Nitkellmu mat-Taqsima tal-Kultura dwar is-servizz ta' *compere* u l-ġurija għall-kompetizzjonijiet.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Diane Tagliaferro** |
| **Sindku** | **Segretarja Eżekuttiva** |